**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/83/KE skada fl-10 ta' Ottubru 2006.

(1) ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12.

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża**

**(Kawża C-191/08)**

(2008/C 171/41)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Condou-Durande u A. Caeiros, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha ma' l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE (1) tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fl-10 ta' Ottubru 2006.

(1) ĠU L 304, p. 12.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (Repubblika tal-Litwanja) fl-14 ta' Mejju 2008 — Inga Rinau vs Michael Rinau**

**(Kawża C-195/08)**

(2008/C 171/42)

*Lingwa tal-kawża: Il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos Aukščiausiasis Teismas.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Inga Rinau.

*Konvenut:* Michael Rinau.

**Domandi preliminari**

1. Parti interessata skond l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 2201/2003 tista' titlob sabiex ma tiġix irrikonoxxuta deċiżjoni ġudizzjarja, mingħajr ma tkun ġiet ippreżentata talba għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni?

2. Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, kif għandha l-qorti nazzjonali, meta tevalwa t-talba sabiex ma tiġix irrikonoxxuta d-deċiżjoni ppreżentata mill-persuna li fir-rigward tagħha d-deċiżjoni hija eżekuttiva, tapplika l-Artikolu 31(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, li jiddisponi li "[…] la l-persuna li kontriha qiegħed jiġi mitlub l-infurzar, u lanqas il-minuri [ma jistgħu], f'dan l-istadju tal-proċeduri, jkunu intitolati jagħmlu sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni"?

3. Il-qorti nazzjonali li quddiemha min għandu r-responsabbiltà parentali jkun ippreżenta t-talba sabiex ma tiġix irrikonoxxuta d-deċiżjoni tal-qorti ta' l-Istat Membru minn fejn toriġina li biha tordna r-ritorn tat-tifel li jgħix għandu lejn l-Istat minn fejn toriġina d-deċiżjoni, li għaliha jkun ġie ppreżentat ċertifikat skond l-Artikolu 42 tar-Regolament Nru 2201/2003, għandha tevalwah skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 2201/2003, hekk kif jistabbilixxi l-Artikolu 40(2) tar-Regolament imsemmi?

4. Xi tfisser il-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 21(3) tar-Regolament Nru 2201/2003 "Mingħajr preġudizzju għal Taqsima 4"?

5. L-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn tat-tifel u n-notifika taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 42 tar-Regolament Nru 2201/2003 mill-qorti ta' l-Istat Membru minn fejn toriġina d-deċiżjoni wara li l-qorti ta' l-Istat Membru fejn huwa miżmum it-tifel b'mod illegali tkun ħadet deċiżjoni li t-tifel jiġi rritornat lejn l-Istat minn fejn toriġina d-deċiżjoni hija konformi ma' l-għanijiet u l-proċeduri tar-Regolament Nru 2201/2003?

6. Il-projbizzjoni ta' l-istħarriġ tal-ġurisdizzjoni tal-qorti minn fejn toriġina d-deċiżjoni stabbilita fl-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 2201/2003 tfisser li l-qorti nazzjonali li quddiema tkun tressqet it-talba ta' rikonoxximent jew ta' nuqqas ta' rikonoxximent tad-deċiżjoni ta' qorti barranija, li ma tistax tikkontrolla l-ġurisdizzjoni tal-qorti ta' l-Istat Membru minn fejn toriġina d-deċiżjoni u li ma sabitx motivi oħra għan-nuqqas ta' rikonoxximent tad-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 2201/2003, għandha tirrikonoxxi d-deċiżjoni ta' ritorn tat-tifel tal-qorti ta' l-Istat Membru minn fejn toriġina d-deċiżjoni jekk il-qorti ta' l-Istat Membru minn fejn toriġina d-deċiżjoni ma tkunx irrispettat il-proċedura stabbilita mir-regolament għall-finijiet li tiġi solvuta l-kwistjoni tar-ritorn tat-tifel?

---

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Franċiża

**(Kawża C-200/08)**

(2008/C 171/43)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Bordes u H. Støvlbæk, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Franċiża

### Talbiet tar-rikorrenti

— tikkonstata li, billi rrifjutat li għalliema ta' snowboarding Ġermaniżi u Brittaniċi jgħallmu dan l-isport biss fi Franza, u billi ma semmietx fid-digriet ta' l-4 ta' Mejju 1995, kif emendat, id-diplomi ta' l-għalliema ta' snowboarding li nkisbu fi Stati Membri oħra, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha kemm skond l-Artikoli 39, 43 u 49 tat-Trattat KE kif ukoll skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/51/KEE ([1]);

— tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Minkejja li, f'numru ta' Stati Membri, it-tagħlim ta' l-iskijjar u ta' snowboarding jista' jsir minn nies professjonali li jkunu kisbu taħriġ differenti, it-tagħlim ta' snowboarding fi Franza jista' jsir biss mill-għalliema ta' l-iskijjar.

Ir-rikorrenti tikkunsidra li r-rifjut li jiġi awtorizzat aċċess għall-professjoni ta' għalliem ta' snowboarding ma jistax jiġi ġġustifikat abbażi tal-prinċipji fundamentali tal-moviment liberu tal-persuni, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tad-dritt ta' stabbiliment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-erba' kundizzjonijiet kumulattivi derogatorji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġġustifika restrizzjoni eventwali ta' dawn il-prinċipji — non-diskriminazzjoni, raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, kapaċità li jiġi assigurat it-twettiq ta' l-għan mixtieq u teħid in kunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità — mhumiex issodisfati.

---

([1]) Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar it-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali sabiex tiġi ssupplimentata d-Direttiva 89/48/KEE (ĠU L 209, p. 25).

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

**(Kawża C-209/08)**

(2008/C 171/44)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: Maria Condou Durande, aġent)

*Konvenut:* Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

### Talbiet tar-rikorrenti

— tikkonstata li billi m'adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti ([1]) jew, f'kull każ, billi ma kkomunikax l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 17 ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż.